**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum id-19 ta' Frar, 2024**

**Rikors numru: BCT/40/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Raymond Mifsud**

**vs**

**Awtorita' tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant innifsu fejn permezz tiegħu huwa ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi permezz tad-deċiżjoni tal-Awtorità intimata datata 16 ta' Awwissu 2023 (kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa, u mmarkata bfiala Dok RM 1) ikkomunikata lill-appellant, l- Awtorità intimata ikkundannat lill-imsemmi Raymond Mifsud penali amministrattiva ta' seba' mija u fiamsin ewro (€750) minħabba xogħlijiet fi Ħdud jew Festi Pubbliċi.

2. Illi l-appellant iħossu aggravat minn din id-deċiżjoni u għaldaqstant qiegħed jintavola dan l-appell odjern għas-segwenti raġuni:

3. Illi l-appellant ma kienx infurmat li kellu jsir l-ebda xogħol fis-sit fi Ħdud jew festi Pubbliċi, u jekk marru xi ħaddiema jagħmlu xi xogfiol, dan sar għall-insaputa tiegħu u mingħajr l-approvazzjoni tiegħu;

4. Illi in ogni każ u mingħajr preġudizzju, l-esponenti appellant jirrileva illi x-xogħol li kien qed isir huwa dak ta' tikħil liema xogħol ma jistax jitqies li huwa xogħol ta' kostruzzjoni, u dan skont id-definizzjoni ta' '*kostruzzjoni*' ai termini tal-Kap 623 tal-Liġijiet ta' Malta, liema liġi tiddefinixxi '*kostruzzjoni*' bfiala:

*"kostruzzjoni" tfisser* ***<u>kwalunkwe att jew operazzjoni ta' inġinerija</u>*** *meħtieġa għal jew relatata mat-titjib tas-sit, it-tlugħ, l-estensjoni, it- tibdil, it-tiswija ta' bini jew struttura u "mibnija" għandha tinftiehem f'dan is-sens.* (emfasi mill-appellant)

5. Illi xogfiol ta' tikħil ċertament ma huwiex la att u lanqas operazzjoni ta' inġinerija u allura ma jistax jitqies bħala xogħol ta' kostruzzjoni.

6. Illi l-istess Kap 623 tal-liġijiet ta' Malta tiddefinixxi '*xogħolijiet*' bħala:

*"xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u jinkludu xogħlijiet tal-iskavar, tad- demolizzjoni* ***<u>u tal-kostruzzjoni</u>****, ix-xogħlijiet ta' servizzi tal-bini* ***<u>u x-xogħlijiet</u> <u>ta' finitura</u>*** (emfasi mill-appellant)

7. Illi fid-definizzjoni tal-kelma '*xogħolijiet*'" il-liġi stess tagħmel distinzjoni bejn xogfiol ta' kostruzzjoni u xogħol ta' finitura, u xogfiol ta' tikħil huwa xogfiol ta' finitura u mhux xogħol ta' kostruzzjoni.

8. Illi għalekk, id-deċiżjoni tal-Awtorità illi timponi tali penali amminsitrattiva hija inġusta.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appellant jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirtira, jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata tas-16 ta' Awwissu 2023 b'referenza BCA/P08/0174/2023 fl-intier tagħha, bl-ispejjeż kontra l- Awtorità appellata. L-appellant jitlob ukoll illi sakemm ikun hemm deċiżjoni finali minn dan l-Onorabbli Tribunal, id-deċiżjoni tal- Awtorità għandha tiġi sospiża.

Ra r-risposta tal-Awtorita' li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

1. Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;

2. Illi l-penali inħarġet ai termini tal-liġi sussidjarja 623.08 liema teżiġi li *"ebda xogħlijiet ta' kostruzzjoni m'għandhomx isiru fil-Ħdud u l-festi pubbliċi"*;

3. Illi skont l-istess L.S. *"xogħlijiet" tfisser ix-xogħlijiet permanenti u x-xogħlijiet temporanji, jew xi wieħed minnhom kif ikun xieraq, u tinkludi xogħlijiet tal-iskavar, tad-demolizzjoni, tal-kostruzzjoni, ix-xogħlijiet ta' servizzi tal-bini u x-xogħlijiet ta' finitura*", b'dana li x-xogħlijiet li kienu qegħdin jsiru jaqgħu taħt din id-definizzjoni;

4. Illi anness ma din ir-risposta qegħdin jiġu mmarkati żewġ vidjos bħala Dok A1 u Dok A2

5. Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorita' appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa it-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra li fis-seduta tas-16 ta' Novembru, 2023 l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan l-appell huwa dwar multa imposta mill-Awtorita' intimata in segwitu ta' xogħlijiet li saru f'festa pubblika u ċioe fil-festa ta' Santa Marija, nhar il-15 ta' Awissu tas-sena elfejn, tlieta u għoxrin (2023).

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Stephen Mallia, l-uffiċjal tal-Awtorita' intimata li kien inkarigat mill-każ u huwa kkonferma li meta l-uffiċjali tal-Awtorita' marru fuq il-post sabu li kien qiegħed isir xogħol ta' tikħil. Mir-rikors promotur jidher li dan ma huwiex qiegħed jiġi kkontestat u ċioe li dakinhar kien qiegħed isir xogħol ta' tikħil minn ħaddiema li ingaġġa l-appellant.

It-Tribunal fuq bażi preliminari jiċħad kwalunkwe argument li l-appellant ma kienx konoxxenti li qiegħdin isiru xogħlijiet dakinhar tal-ħmistax ta' Awissu u li allura m'għandux ikun responsabbli għall-istess. Il-posizzjoni tiegħu bħala '*site manager'* tas-sit in kwistjoni trendih responsabbli għall-istess.

Fid-dawl ta' dan il-materja li għandu jiddeċiedi dwarha dan it-Tribunal huwa jekk ix-xogħlijiet ta' tikħil humiex meqjusa bħala xogħlijiet li huma projbiti milli jsiru fi Ħdud jew festi pubbliċi *ai termini* tal-liġi. It-Tribunal iqis li minkejja li fl-avviż tal-penali amministrattiva ġie identifikat bħala projbit "Xogħlijiet fil-Ħdud jew Festi Pubbliċi", kwalunkwe bażi għal tali penali għandha tkun il-liġi. Il-liġi applikabbli f'dan is-sens huwa l-Avviż Legali 340 tal-2022 li ma jiprojbixxix kwalunkwe xogħlijiet milli jsiru iżda jillimita dan għal "xogħlijiet ta' kostruzzjoni". It-Tribunal jinnota li l-Avviż Legali 340 tal-2022, '*Regolamenti dwar il-Ġestjoni tas-Siti tal-Kostruzzjoni'* tramite it-Tielet Skeda tiegħu jipprojbixxi milli jsiru "*xogħlijiet ta' kostruzzjoni"* fi Ħdud u festi pubbliċi. L-istess Avviż Legali ma jagħtix definizzjoni għal "xogħlijiet ta' kostruzzjoni" iżda jagħti biss definizzjoni għal "xogħlijiet" li hija ferm aktar wiesgħa minn dak projbit mil-liġi. Fin-nuqqas ta' dan it-Tribunl qies id-definizzjoni mogħtija mill-Att prinċipali, il-Kap. 623 tal-Liġijiet ta' Malta, għal '*kostruzzjoni*' fejn jingħad is-segwenti:

*"kostruzzjoni" tfisser kwalunkwe att jew operazzjoni ta' inġinerija meħtieġa għal jew relatata mat-titjib tas-sit, it-tlugħ, l-estensjoni, it-tibdil, it-tiswija ta' bini jew struttura u "mibnija" għandha tinftiehem f'dan is-sens;*

It-Tribunal iqis li l-liġi hija ċara f'dak li għandu jkun projbit fi Ħdud u festi pubbliċi. Dak li kien qiegħed isir fil-każ in kwistjoni ma huwiex meqjus bħala operazzjoni ta' inġinerija li għandu l-iskop identifikat fl-istess definizzjoni. Minflok, jaqa' aktar taħt "xogħlijiet ta' finitura" li l-liġi tidefinixxi bħala:

*"xogħlijiet ta' finitura" tinkludi kull xogħol imwaħħal fi jew ma' bini biex tali bini jkun tajjeb għall-użu maħsub inkluża kull miżura kontinġenti meħtieġa biex jitwettqu tali xogħlijiet, iżda teskludi d-demolizzjoni, l-iskavar, il-kostruzzjoni u servizzi ta' bini;*

It-Tribunal iħoss li minkejja l-intenzjoni tal-leġislatur, l-għodda li jrid jaħdem biha dan it-Tribunal hija l-liġi kif espressa.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jilqa' l-appell ta' Raymond Mifsud u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata li permezz tagħha imponiet il-penali amministrattiva fl-ammont ta' seba' mija u ħamsin euro (€750).

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jilqa' l-appell u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Awtorita' intimata fil-konfront tal-appellant Raymond Mifsud datata s-16 ta' Awwissu, 2023.

********************* VERA KOPJA TAL-ORIĠINAL *********************

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan A. Psaila** |
| **Chairperson** | **Membru** | **Membru** |